MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-18 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 250/2007

**Panta Marketing & Services Limited**

**vs**

**Pyramid Hotels Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' rikorrenti datat 6 ta' Marzu 2007 fejn gie premess:

Illi s-socjeta' esponenti kienet ipprezentat citazzjoni (Citazz Nru 2579/97GC) quddiem din l-Onorabbli Qorti kontra s-socjeta' Pyramid Hotels Limited li permezz taghha talbet lil din il-Qorti sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh u sabiex tikkundanna s-socjeta' Pyramid Hotels sabiex thallas is-somma ta' disat elef mitejn u hamsin lira Maltija (Lm9,250.00) ekwivalenti ghal €21,546.70 rapprezentanti l-bilanc tal-prezz kif ukoll it-taxxa fuq il-valur mizjud (VAT) ghal sistema ta' 'reverse

osmosis' debitament mibjugha u kkunsinjata lis-socjeta' Pyramid Hotels Limited;

Illi fis-26 ta' Frar 1998 din l-Onorabbli Qorti ghogobha tilqa' t-talbiet tas-socjeta' esponenti kif dedotti fic-citazzjoni hawn fuq imsemmija, bl-ispejjez kontra s-socjeta' Pyramid Hotels Limited, bhal ma jirrizulta mill-annessa kopja tas-sentenza mmarkata bhala dokument 'A';

Illi ghaddew izjed minn hames (5) snin mill-ghoti tal-imsemmija sentenza u sad-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors is-socjeta' esponenti ghadha ma thallsitx l-imsemmija somma ta' Lm9,250.00 ekwivalenti ghal €21,546.70 minghand is-socjeta' intimata u b'hekk is-somma ta' Lm9,250.00 ekwivalenti ghal €21,546.70 ghadha dovuta lis-socjeta' esponenti minghand is-socjeta' Pyramid Hotels Limited.

Ghaldaqstant is-socjeta' esponenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, trendi s-sentenza hawn fuq imsemmija ezegwibbli a tenur tal-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` rikorrenti u d-dokumenti l-ohra.

Rat li s-socjeta' intimata giet notifikata u ma pprezentatx risposta.

Rat li Stephen Fenech ghas-socjeta` rikorrenti kkonferma bil-gurament il-kontenut tar-rikors u li l-ammont indikat fir-rikors ghadu kollu dovut u li ma thallas xejn fil-mori ta' dawn il-proceduri;

Illi ghalhekk it-talba tas-socjeta` rikorrenti tirrizulta gustifikata.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti**,

b'dan illi tawtorizzaha tezegwixxi s-sentenza ta' din il-Qorti moghtija fis-26 ta' Frar 1998 fl-ismijiet fuq imsemmija.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------